Awtorita' Tad-Djar • Housing Authority

# RAPPORT ANNWALI 2012

www.housingauthority.com.mt

Awtorità tad-Djar
Rapport tas-Sena 2012

Malta:
22 Triq Pietro Floriani, Il-Furjana FRN 1060
Tel: 2299 1000 | Fax: 2124 3284
Email: customer.care@ha.gov.mt

Għawdex:
25 Triq Enriku Mizzi, Ir-Rabat VCT 2043
Tel: 2215 6800 | Fax: 2215 6800

Free phone: 8007 2232

© Awtorità tad-Djar

Dan il-ktieb ma jistax isir fih ebda tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-permess bil-miktub tal-Awtorità tad-Djar.

Pubblikazzjoni: Awtorità tad-Djar

# Werrej


Rapport taċ-*Chairperson* .......... 7

Il-Bord tad-Diretturi l-Ġdid tal-Awtorità tad-Djar .......... 9

Introduzzjoni mill-Kap Eżekuttiv .......... 10

1. Akkomodazzjoni Soċjali .......... 12

1.1 Numru ta' persuni fuq il-***waiting list*** .......... 12

1.2 Talba ta' Rikonoxximent .......... 13

1.3 Allokazzjonijiet .......... 13

1.4 Numru ta' kuntratti ma' inkwilini ġodda li ġew konklużi .......... 13

1.5 ***'Home visits'*** li saru mis-***social worker*** .......... 13

1.6 ***Customer Care, Community Contacts*** fl-AĊĊESS f'Bormla/Msida/Qawra .......... 13

1.7 '***Exchanges***' li saru u ***'waiting list'*** .......... 14

1.8 Għaqdiet mhux Governattivi (NGOs) .......... 14

1.9 Proġetti pendenti li kienu approvati fis-sena 2012 .......... 14

1.10 Postijiet vojta fejn l-Awtorità talbet lura ċ-ċwievet .......... 15

1.11 Ordni tar-Rekwiżizzjoni .......... 15

1.12 Skemi – ***Ninvesti Fid-dar Tiegħi, Sir Sid ta' Darek 2012, Nirranġa d-Dar Tiegħi***, ADP, ***Sussidju tal-Kera, Nirranġa d-Dar Tiegħi*** .......... 15

1.13 Nirranġa d-Dar Tiegħi .......... 16

1.14 ***Affordable housing*** Darek Faċli - Avviż Numru 76 - Bejgħ ta' Proprjetà .......... 16

2. Sezzjoni Notarili .......... 17

3. Tmexxija tal-Proprjetà (*Estate Management*) .......... 18

3.1 Sezzjoni tal-Ispettorat .......... 18

3.2 Sezzjoni tar-***Records*** (***Data***) .......... 19

3.3 Sezzjoni tal-Ġbir tal-Flus u t-Tmexxija tal-Proprjetà .......... 21

4. Tiswija u Adattament tal-Proprjetà tal-Gvern ..... 23

4.1 Talbiet ta' ***lifts*** – talbiet li saru, talbiet magħluqa u talbiet pendenti ..... 23

4.2 Proġetti mal-Kunsilli Lokali - tisbiħ tal-madwar tal-binjiet ..... 23

4.3 Manutenzjoni tal-komun flimkien mal-Kunsilli Lokali ..... 24

4.4 Talbiet ta' manutenzjoni tal-ħsarat ..... 24

4.5 ***Scheduled Maintenance*** ..... 24

5. Il-Funzjoni tal-Awditjar Intern ..... 25

6. Riċerka u Relazzjonijiet Ewropej ..... 26

6.1 ERDF104 ***Stronger Cottonera Communities – The citizens' right to accessibility*** ..... 26

6.2 ERDF102 ***Energy-Smart Authority*** ..... 27

6.3 ESF3.61 E4L ***Embark for Life*** ..... 27

7. L-Att Dwar il-Libertà tal-Informazzjoni ..... 28

8. Uffiċċju f'Għawdex ..... 29

9. Relazzjonijiet Pubbliċi ..... 30

9.1 Lista ta' inizjattivi għas-sena 2012 ..... 30

9.2 Promozzjoni tax-Xogħol tal-Awtorità tad-Djar ..... 31

10. Riżorsi Umani ..... 32

10.1 Ċentru ġdid tat-Taħriġ ..... 31

10.2 Ftehim Kollettiv ..... 31

10.3 Rekrutaġġ ..... 32

10.4 Taħriġ ..... 32

10.5 Taħriġ Lokali ..... 32

10.6 Konferenzi barra minn Malta ..... 32

10.7 Attivitajiet ..... 32

10.8 Inizjattivi ..... 32



Il-Missjoni Tagħna:
Djar Xierqa jsaħħu
l-komunitajiet u
jipprovdu ambjent
aħjar fejn inrabbu
t-tfal tagħna

# *Rapport taċ-Chairperson*



*Għandi pjaċir nippreżenta r-Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012 u l-Estimi Finanzjarji tal-istess perjodu.*

**Is-Sinjura Antoinette Vassallo**

*Chairperson*

Dan huwa l-ewwel rapport annwali tiegħi li qed inressaq peress li għadni kemm ġejt maħtura *Chairperson* tal-Awtorità tad-Djar proprju fl-ewwel ta' Mejju 2013. Għaldaqstant, nemmen li dak li qed jiġi ppreżentat f'dan ir-rapport, kemm dak li jikkonċerna l-operat tal-Awtorità, kif ukoll l-Estimi Finanzjari, qed jirrifletti l-istrateġija li l-Awtorità kellha ssegwi fuq il-Politika tal-Gvern tal-ġurnata kif kien propost. Dan ir-rapport jissorvelja l-operazzjonijiet finanzjarji tal-Awtorità kif kienu indikati fir-Rapport Annwali tal-2011.

Dan ir-rapport qed juri li l-Awtorità kellha tibqa' tikkommetti ruħha biex tipprovdi soluzzjonijiet u servizzi li jistgħu jitwettqu bl-aktar mod responsabbli u sostenibbli b'risq il-ġid ta' kulħadd.

Il-ħidma li ġiet imwettqa matul din is-sena kienet imfassla fuq diversi inizjattivi, kemm tkomplija ta' dawk l-inizjattivi li kienu nbdew fis-snin preċedenti kif ukoll inizjattivi ġodda li ġew introdotti proprju matul is-sena 2012. Dan ir-rapport annwali għandu jirrifletti l-impenn, li l-Awtorità kellha timxi bih sabiex tagħti bl-aħjar mod, kull għajnuna bżonjuża u li tirrifletti prijorità mmirata lejn dawk l-aktar vulnerabbli.

Matul is-sena 2013 l-Awtorità ser tiffoka fuq diversi inizjattivi għall-bżonnijiet ta' kulħadd.

- L-ewwel prijorità għandha tkun fuq titjib li se jolqot direttament l-operat tal-Awtorità nnifisha. Għandu jsir pjan strateġiku ta' kif l-Awtorità għandha timxi, kemm dak li hu *short term* kif ukoll dak li hu *long term*.
- Huwa ppjanat li ssir riorganizzazzjoni tal-*Customer Care* sabiex il-pubbliku jkun jista' jingħatalu servizz aktar effettiv u immedjat.
- L-Awtorità għandha taħdem fuq dawk l-istrutturi perikolużi sabiex ix-xogħol meħtieġ jitlesta qabel ma' tibda x-Xitwa.
- L-Awtorità ser tenfasizza li ssir reviżjoni tal-kirjiet ta' postijiet tal-Gvern sabiex iċ-ċittadini jiġu infurmati bir-rati l-ġodda u dawn jibdew jinġabru wkoll. Hawnhekk irid isir eżerċizzju intensiv sabiex l-ammont ta' kirja stabbilita jirrifletti aktar is-sitwazzjoniijiet reali ta' kull inkwilin.
- Fejn hu possibbli ser isir tpartit bejn dawk l-inkwilini li jokkupaw postijiet tal-Gvern ma' inkwilini oħra li qiegħdin jagħmlu l-istess talba minħabba diversi raġunijiet. Dan l-eżerċizzju għandu jsir b'mod immedjat.
- Għan ieħor huwa li jiġu identifikati dawk il-postijiet tal-Gvern li preżentament mhumiex okkupati fost ħafna raġunijiet sabiex jiġu użati minn min għandu bżonn.

Fl-aħħar nett ngħalaq ir-rapport tiegħi billi nirringrazzja lill-ħaddiema kollha li taw is-sehem tagħhom matul din is-sena, u nawgura li fis-sena li ġejja l-Bord il-ġdid maħtur flimkien mal-amministrazzjoni u l-impjegati kollha jimxu id f'id fil-ħidma tagħhom biex iwettqu ħidma bl-aktar mod effettiv u bi trasparenza.





L-Awtorità tad-Djar mhix sempliċiment aġenzija li tqassam id-djar. L-għan ewlieni tagħha huwa aktar profond u jmur l'hinn minn dan. L-Awtorità tad-Djar tipparteċipa fis-solidarjetà tal-Istat, fid-dmir u fl-impenn soċjali tiegħu li jkun preżenti ma' dawk il-persuni li soċjalment baqgħu lura għal raġuni jew oħra.

# Il-Bord tad-Diretturi l-Ġdid tal-Awtorità tad-Djar



*Mix-xellug:*

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Margaret Quintano<br>*Dip HRM (Leicester)* | Membru tal-Bord |
| Dott. Ray Zammit<br>*LL.D., Adv. Trib. Eccl. Melit.* | Segretarju tal-Bord |
| Dott. Albert Buttigieg<br>*Bac.Sc., Ed., Lic.Sc., Ed.(Rome)* | Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar |
| Is-Sinjura Antoinette Vassallo<br>*S.R.N. u eks-Sindku* | *Chairperson* |
| Onor. Ministru, in-Nutara Marie Louise Coleiro Preca<br>*B.A.(Legal & Humanistic Studies), Dip. Notary Public, M.P.* | Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| Is-Sur Robert Ducker<br>*B.Sc. (Hons) Financial Services (UMIST), ACIB.* | Viċi-*Chairperson* |
| Il-Perit Alex Buontempo<br>*B.E&A.(Hons), PhD, A&CE.* | Membru tal-Bord |
| Is-Sinjorina Helen Mallia<br>*Dip. Ind. Rel., M.Q.R.* | Membru tal-Bord |
| Is-Sur Ivan Grixti<br>*MA(Lanc); B.A.(Hons)Accountancy; MCIArb; FAIA(Acad); FIA; CPA* | Membru tal-Bord |
| Profs. Lino Bianco<br>*B.A.(Phil), B.E.&A.(Hons)(Malta), M.Sc.(Geol.)(Leics.), M.Sc.(Arch.) (Lond.), Ph.D.(Sofia), F.R.S.A., F.G.S.(Lond.) Eur. Ing. (FEANI), A.&C.E.* | Membru tal-Bord |

# Introduzzjoni mill-Kap Eżekuttiv



*Għal sena oħra l-Awtorità tad-Djar qiegħda tippreżenta rapport annwali tal-ħidma tagħha. Dan ir-rapport ikompli jibni fuq is-snin li għaddew b'mod partikolari fuq il-punti ta' azzjoni li kienu ttieħdu fil-25 ta' Mejju, 2011 waqt Strategic Board Meeting. Matul din il-laqgħa tal-Bord, ġew approvati madwar 22 punt ta' azzjoni.*

**Dott. Albert Buttigieg**

*Kap Eżekuttiv*

B'sodisfazzjon nistqarr, li l-Awtorità, fil-limitazzjonijiet kollha tagħha, ħadmet bis-sħiħ fuq dawn l-għanijiet. Fil-fatt, il-maġġoranza tagħhom saru matul din is-sena.

Għalkemm wieħed jista' jara dan ir-rapport fid-dettall, hawnhekk nixtieq insemmi xi punti ewlenin.

### Insaħħu l-komunità: Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern

Bl-għajnuna sħiħa tal-Kunsilli Lokali, l-Awtorità kompliet twettaq diversi proġetti ta' tisbiħ madwar l-oqsma ta' dawn il-binjiet. Ġew organizzati wkoll diversi inizjattivi edukattivi. L-għan aħħari huwa li mhux biss nagħtu dehra aħjar lill-ambjent tal-madwar imma anke nsaħħu l-kwalità tal- ħajja tar-residenti.

### Pjan ta' manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern

Diversi komuni ta' binjiet bbenefikaw mill-fondi allokati. Hawnhekk l-Awtorità iltaqgħat mar-residenti għal laqgħa ta' djalogu. Kienet esperjenza pożittiva ħafna. Smajna s-suġġerimenti, il-kritika u l-ilmenti tar-residenti. Ir-residenti kienu wkoll mistiedna biex titwaqqaf għaqda tar-residenti u jkun magħżul amministratur minn fosthom. L-irwol tal-amministratur huwa biex jara li kollox miexi sew. Din ġabet bidla fil-mentalità tar-residenti. Filfatt, hemm numru inkorraġġanti ta' amministraturi li qiegħdin jingħataw inizjattiva finanzjarja biex jaqdu aħjar din il-ħidma.

### Skema *Kiri*

Fid-dawl li l-Awtorità kienet ħadet deċiżjoni fuq livell ta' *policy* li ma tibnix aktar binjiet, l-Awtorità ħasbet biex tieħu ħsieb l-istokk ta' binjiet għal skopijiet ta' kiri soċjali. Għal dan il-għan, matul din is-sena l-Awtorità stiednet lis-sidien ta' appartamenti privati biex dawn jikru l-fondi tagħhom b'rata kummerċjali għal 10 snin sħaħ waqt li jkunu eleġibbli għal 5% taxxa fuq id-dħul mill-kirja. Min-naħa tagħha, l-Awtorità kriet dawn il-fondi lill-persuni li jeħtieġu dan is-servizz b'rata ssussidjata.

### Ċentri tal-AĊĊESS

Matul din is-sena l-Awtorità, fi sforz ġenwin biex tkun aktar viċin tar-residenti, qiegħda toffri s-servizz tagħha mill-AĊĊESS tal-Imsida u tal-Qawra. Iċ-ċentri tal-AĊĊESS huma *one stop shop* għal servizzi soċjali. Għaldaqstant, l-Awtorità mhux biss tilqa' l-applikazzjonijiet għal diversi skemi li għandha imma wkoll toffri pariri u għajnuna marbutin ma' diffikultajiet ta' *housing*.

### Laqgħat ta' preparazzjoni

Kull inkwilin ġdid kellu jattendi sensiela ta' laqgħat edukattivi organizzati minn *social worker*. It-temi ta' dawn il-laqgħat kienu mibnija fuq l-immaniġjar aħjar tal-flus, il-ħtieġa li jintegraw ruħhom fil-lokalità, u s-sens ta' rispett lejn inkwilini oħra. Tajjeb li nsemmi li fil-bidu, dawn il-kirjiet kienu qed isiru għal perjodu ta' sena u wara li tgħaddi din l-ewwel sena, ser ikunu mġedda għal perjodu ta' ħames snin. Dan qed isir biex ikun hemm aktar kontroll. Matul is-sena li ġejja ser ikun hemm ukoll *follow-up* biex naraw li dawn l-inkwilini integraw tajjeb.

## Minn konvenji għall-kuntratti finali

L-Awtorità kompliet taħdem bi sħiħ ma' entitajiet oħra biex jitkompla proċess fejn persuni li, għal diversi snin, kellhom id-dar tagħhom fuq konvenju, ikunu jistgħu jagħmlu l-kuntratt finali. Kienu diversi familji li wara ħafna snin, finalment, saru sidien tad-djar tagħhom.

## Skema ta' bejgħ.

Matul din is-sena l-Awtorità ħarġet diversi skemi ta' bejgħ. Dawn kienu: *Ninvesti fid-Dar Tiegħi* , *Darek Faċli* u *Sir Sid ta' Darek*. L-għan ta' dawn l-iskemi ta' bejgħ kienu mibnija fuq l-esperjenza li meta wieħed ikun sid tal-proprjetà tiegħu/tagħha, huwa jkun aktar responsabbli fit-tmexxija tal-binja. Barra minn hekk, l-Awtorità meta tbiegħ dawn il-fondi, ma tibqax aktar responsabbli mill-manutenzjoni tagħhom. L-Awtorità għamlet ukoll evalwazzjoni tal-iskema tal-bejgħ tal-proprjeta' tagħha għal *first time buyers* bħala *affordable housing* u ħarġet skema msejħa 'Darek Faċli'. Huwa tajjeb li jissemma' li r-rwol tal-Awtorità huwa mibni fuq *social housing* u *affordable housing*.

## *Skema Sussidju* fuq l-interessi

Matul din is-sena l-Awtorità ħarġet skema biex tkompli tgħin lil dawk li huma *first time buyers* billi toffri ammont ta' sussidju fuq l-interessi għall-ewwel 8 snin meta dawn jixtru l-ewwel residenza tagħhom. L-għan ta' din l-iskema kien li mhux biss tgħin lil applikanti biex isiru sidien imma filwaqt li l-Awtorità ma tibnix aktar proprjeta' hija stess, hija tħeġġeġ lil applikanti sabiex jużaw proprjeta' diġa` mibnija. Din l-iskema kienet miftuħa għall-ewwel 300 persuna li applikaw.



## *Nirranġa d-Dar Tiegħi*

Din kienet skema oħra maħsuba biex tgħin lil dawk is-sidien anzjani biex huma jibqgħu jgħixu, sakemm jistgħu, fil-komunità tagħhom. Kulħadd jaf kemm hija sitwazzjoni ta' vulnerabiltà kbira meta persuna tinqala' mill-ambjent ta' madwarha. Għaldaqstant l-Awtorità, biex tgħin lil dawn il-persuni jibqgħu fil-komunità tagħhom, ħolqot din l-iskema li kienet mibnija fuq skema preċedenti msejħa bħala '*Care and Repair*'.

## Għaqdiet mhux Governattivi

Matul din is-sena l-Awtorità kompliet tagħti l-appoġġ tagħha lil dawk l-għaqdiet li jaħdmu biex ikun hemm persuni li jgħixu b'mod semi-independenti fil-komunità. Diversi għaqdiet ibbenefikaw minn din l-iskema.

## Fondi mill-Unjoni Ewropea

L-Awtorità kompliet bil-programm ta' riġenerazzjoni ta' żoni hekk imsejħa Fuq Verdala u San Nikola li jinsabu ġewwa Bormla.

## Taħriġ għall-ħaddiema

L-Awtorità offriet diversi taħriġ lill-ħaddiema tagħha fuq diversi suġġetti relatati mal-ħidma tal-Awtorità u offriet ukoll *sponsorship* lill-ħaddiema li xtaqu jkomplu xi studji tagħhom. Ta' min insemmi li barra li l-ħaddiema ġew offruti taħriġ lokali, oħrajn ġew offruti taħriġ barra minn Malta.

## Konklużjoni

Ma nistax ma nurix l-apprezzament tiegħi lill-Bord tad-Diretturi, lit-tim maniġerjali u lill-ħaddiema kollha għall-ħidma siewja tagħhom.



# 1. Akkomodazzjoni Soċjali

## 1.1 Numru ta' persuni fuq il-*waiting list*

Matul din is-sena tkompla l-proċess biex l-Awtorità tkun tista' tifhem aħjar il-bżonnijiet ta' dawk il-persuni li jersqu lejn is-servizz billi ħolqot lista ta' prijoritajiet li jirrispondu aħjar għall-bżonnijiet tal-applikant. Matul din is-sena, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 839 applikazzjoni ġdida, jiġifieri medja ta' 70 fix-xahar. Dan iffisser li sal-aħħar tas-sena 2012, l-Awtorità tad-Djar kellha 2,773 applikazzjoni għal post alternattiv. Minn dawn l-applikazzjonijiet, 708 huma meqjusa bħala prijorità minħabba l-vulnerabiltà tagħhom.

It-tabella t'hawn taħt turi rendikont ta' dawn l-applikazzjonijiet kollha u taħt liema kategorija jaqaw:

| | |
|---|---|
| Ħsara ta' struttura f'kamra waħda | 6 |
| Ħsara ta' struttura f'diversi kmamar | 23 |
| *Substandard* | 38 |
| Nuqqas ta' faċilitajiet sanitarji | 17 |
| *Overcrowding* | 68 |
| *Social Cases* – riferuti minn Aġenziji | 57 |
| *Social Cases* – Vjolenza Domestika | 15 |
| *Homeless* – Istituzzjoni | 34 |
| *Homeless* – jinsabu CCF | 11 |
| *Homeless* – Tkeċċija | 63 |
| *Homeless* – *Rehab Clients* | 6 |
| *Homeless* – jgħixu f'post fuq mera tolleranza | 31 |
| *Homeless* – mingħajr indirizz postali | 62 |
| Diżabilità | 24 |
| Diżabilità – nuqqas ta' mobbiltà | 92 |
| Anzjani jgħixu waħedhom | 49 |
| Anzjani jgħixu ma' oħrajn | 14 |
| Refuġjati | 19 |
| Jgħixu ma' persuni oħrajn - Overcrowding | 275 |
| Jgħixu ma' oħrajn f'ambjent li huwa wieħed tajjeb | 415 |
| Kera għolja – jieħdu sussidju tal-kera – Skema | 248 |
| Kera għolja – ma jiħdux sussidju tal-kera | 276 |
| *Exchanges* (tibdil tal-fond) | 334 |
| M'aċċettawx il-fond mogħtija lilhom | 87 |
| Ma setgħetx issir l-ispezzjoni | 9 |
| Każijiet pendenti | 30 |
| *Slum Clearance* | 1 |
| Applikaw mingħajr ma hemm ebda raġuni | 187 |
| Bżonn li jkun hemm ispezzjoni | 282 |
| **Total** | **2,773** |

Minn dawn l-2,773 applikant, l-Awtorità tad-Djar għandha 708 applikazzjoni meqjusa bħala prijorità li qegħdin isegwu mill-qrib l-applikazzjoni tagħhom. Dawn huma kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| *Substandard* | 38 |
| Nuqqas ta' faċilitajiet sanitajri | 17 |
| *Overcrowding* | 68 |
| *Social Cases* – riferuti minn Aġenziji | 57 |
| *Social Cases* – Vjolenza Domestika | 15 |
| *Homeless* – Istituzzjoni | 34 |
| *Homeless* – Tkeċċija | 63 |
| *Homeless* – *Rehab Clients* | 6 |
| Diżabiltà | 24 |
| Diżabiltà– Mobbiltà | 92 |
| Refuġjati | 19 |
| Jgħixu ma' persuni oħrajn - *Overcrowding* | 275 |
| **Total** | **708** |

Għalkemm matul din is-sena kien hemm diversi positijiet li ngħataw għal akkomodazzjoni soċjali, meta wieħed iqabbel in-numru ta' applikazzjonijiet ta' prijorità fir-rapport ta' 2011, li kien ta' 589, wieħed għandu jsib li hemm żieda ta' 119.

## 1.2 Talba ta' Rikonoxximent

Din is-sena l-*Panel* li jiddiskuti dwar ir-rikonoxximenti/żgumbramenti iltaqa' diversi drabi fejn ġew diskussi 72 każ. Minn dawn il-każijiet, l-Awtorità tad-Djar approvat 33 rikonoxximent. Dan il-*panel* approva wkoll ħames żgumbramenti. Sal-aħħar ta' Diċembru, kien hemm 20 każ pendenti u 14-il każ fejn kellhom isiru xi *follow-up* fuqhom.

## 1.3 Allokazzjonijiet

Matul is-sena 2012, l-Awtorità tad-Djar allokat:

| | |
|---|---|
| Proprjetà tal-Gvern (GDP) | 63 |
| Appartament tal-Awtorità | 50 |
| *Skema KIRI* | 134 |

Sal-aħħar ta' Diċembru 2012, l-Awtorità kellha 20 post vakant ieħor sabiex jiġu allokati. Dawn kienu kif jidher hawn taħt:

- 1 proprjetà tal-Gvern (GDP)
- 19-il appartament tal-iSkema KIRI

## 1.4 Numru ta' kuntratti ma' inkwilini ġodda li ġew konklużi

Minn-Jannar sa Diċembru 2012 l-Awtorità tad-Djar għamlet 394 kuntratt ma' inkwilini ġodda li jinkludu:

- Allokazzjonijiet ġodda (Postijiet tal-Gvern)
- Allokazzjonijiet ġodda (Postijiet tal-Privat)
- Rikonoxximent f'postijiet tal-Gvern
- Allokazzjonijiet (exchanges)

## 1.5 *'Home visits'* li saru mis-*social worker*

Is-*Social Worker* tal-Awtorità tad-Djar għamlet 22 home visits lil-klijenti li talbu l-assistenza tagħha. Dawn il-klijenti għandhom applikazzjoni pendenti għal post alternattiv. Dawn il-*home visits* ikomplu jgħinu mhux biss lil Awtorità biex ikollha stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni tal-applikanti imma anke biex tgħin lill-istess applikant biex jifhem aħjar il-bżonnijiet tiegħu/tagħha u jieħu dawk il-passi meħtieġa biex iqum fuq riġlejh.

Barra minn hekk is-*social worker* għamlet 12-il laqgħa ma' inkwilini li ġew mogħtija post bi preparazzjoni għall-allokazzjoni u kiri tal-fond mogħti mill-Awtorità. Tajjeb li ngħidu li kull applikant li jiġi mogħti post bil-kiri, ikun mistieden biex jattendi sensiela ta' laqgħat edukattivi mibnija fuq r-responsabbiltajiet il-ġodda, l-immaniġjar aħjar tal-flus u l-ħtieġa li jintegraw ruħhom fil-lokalità.

## 1.6 *Customer Care, Community Contacts* fl-AĊĊESS f'Bormla/Msida/Qawra

Minn Jannar sa Diċembru 2012 żaru l-uffiċċju tal-*Customer Care* fil-Furjana 13,554 persuna – medja ta' 1,130 fix-xahar.

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar bdiet topera wkoll miċ-Ċentri tal-AĊĊESS li jinsabu fl-iMsida u l-Qawra. L-għan ewlieni ta' dawn iċ-Ċentri huwa dak ta' *outreach*, jiġifieri li l-Awtorità tagħmel l-isforz tagħha biex tkun aktar preżenti. Il-klijenti li żaru dawn iż-żewġ uffiċini sal-aħħar ta' Diċembru 2012 kienu kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Msida | 63 |
| Qawra | 63 |

Barra mis-servizz ġewwa dawn iċ-ċentri tal-AĊĊESS, l-Awtorità tagħti wkoll servizz ġewwa l-AĊĊESS f'Bormla fejn saru diversi kuntatti, kemm bit-telefon kif ukoll bl-*emails* dwar diversi każijiet.

Isiru wkoll laqgħat mas-*social worker* li jaħdem *reduced hours* biex jiġu diskussi diversi applikazzjonijiet pendenti kemm taħt skemi kif ukoll għal-akkommodazzjoni soċjali.

Minn Jannar sa Diċembru, segwejna flimkien maċ-ċentru AĊĊESS f'Bormla 61 każ ta' applikazzjonijiet pendenti dwar akkomodazzjoni alternattiva u 21 każ ieħor dwar diversi skemi li toffri l-Awtorità tad-Djar.



## 1.7 *'Exchanges'* li saru u *'waiting list'*

F'dan il-perjodu l-Awtorità approvat każ wieħed ta' tpartit fejn żewġ familji bidlu l-post mikri lilhom mill-Gvern ma' xulxin. Fuq il-*waiting list* għal post alternattiv l-Awtorità tad-Djar għandha 334 inkwilin li jixtiequ jpartu l-post mikri lilhom għal diversi raġunijiet. It-tabella ta' hawn taħt turi d-domanda fir-rigward tal-kmamar tas-sodda:

| Applikazzjonijiet pendenti | Kmamar tas-sodda |
|---|---|
| 123 | 1 |
| 97 | 2 |
| 114 | 3 |

L-Awtorità, filwaqt li tifhem li biex isir it-tpartit bejn żewġ familji mhux dejjem hija waħda faċli minħabba li żewġ familji jridu jaqblu li jmorru fil-positijiet u fil-lokalitajiet ta' xulxin, imma l-Awtorità għandha taħdem aktar biex ikun hemm skemi jew għajnuna oħra kif tista' tgħin aħjar f'dan ir-rigward.

## 1.8 Għaqdiet mhux Governattivi (NGOs)

Hija l-politika tal-Awtorità li tgħin u tagħti l-appoġġ lil dawk l-għaqdiet mhux Governattivi li jaħdmu fil-qasam soċjali. Matul is-sena l-oħra, l-Awtorità kienet ħarġet *policy* bit-tema *'Lejn ħajja semi-independenti'*. L-għan ta' din il-*policy* huwa li tagħti appoġġ lil dawk l-għaqdiet li jaħdmu fil-qasam soċjali.

Pagamenti li saru bejn Jannar u Diċembru 2012

i. Talba għal għajnuna finanzjarja minn *Fondazzjoni Wens* saret fit-23 ta' Mejju 2011 sabiex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni ġewwa 'Maisonette 1, Triq il-Luzzu, Kalkara', liema proprjetà ser isservi bħala dar residenzjali għal persuni b'diżabiltà. Is-somma ta' €10,000 ġiet approvata fil-5 t'Ottubru 2011 għal dawn ix-xogħlijiet u l-pagament ingħata fit-3 ta' Diċembru, 2012.

ii. Talba għal għajnuna finanzjarja minn Dar San Gużepp, f'Sta Venera saret fil-25 ta' Frar 2012 sabiex isiru xogħlijiet ta' proġett imsejjaħ *'Independent Living'*. Is-somma ta' €20,000 ġiet approvata fil-25 t'April 2012 u l-pagament ingħata fil-21 ta' Novembru 2012.

iii. *Malta Hospice Movement* li hija organizzazzjoni volontarja sabiex tipprovdi u tippromwovi l-ogħla *standards* ta' kura palljattiva għal persuni bil-kanċer, b'mard tal-motonewroni u mard ieħor terminali. L-organizzazzjoni tgħin u tagħti appoġġ lill-familji u l-*carers* tagħhom, għamlet talba għal għajnuna finanzjarja fis-17 t'April 2012 sabiex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni ġewwa '39, Good Shepherd Avenue, Balzan'. Is-somma ta' €5,000 ġiet approvata fl-20 t'April 2012. L-ammont ta' €4,176 tħallas fil-11 ta' Diċembru 2012.

iv. L-Awtorità tad-Djar tiffinanzja parti mill-ħlas tal-kera li *Caritas Malta* tħallas għal fond '47, Dar Vitorja, Triq S. Dimech Debono, Birkirkara' mikri lilha. L-ammont mħallas mill-Awtorità jammonta għal €1,677.15 fis-sena.

v. Talba għal għajnuna finanzjarja saret fis-sena 2011 sabiex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni ġewwa 'Dar Qalb ta' Ġesù, Santa Venera' li hija *shelter* għal vittmi ta' vjolenza domestika. Is-somma ta' €21,185 ġiet approvata u tħallset fil-11 t'Ottubru, 2012.

vi. Talba għal għajnuna finanzjarja saret mir-*Richmond Foundation* fit-22 ta' Lulju 2011, sabiex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni ġewwa *'Paola Hostel'*. Is-somma ta' €10,000 ġiet approvata fil-21 ta' Dicembru 2011 u l-istess somma tħallset fl-1 ta' Frar 2012.

vii.Għotja ta' € 50,000 ingħatat lil YMCA għal fond ġewwa l-Imsida biex din id-dar issir *shelter* għal dawk li jsibu lilhom infushom *homeless*.

## 1.9 Proġetti pendenti li kienu approvati fis-sena 2012

i. Talba għal għajnuna finanzjarja minn *Dar Pirotta* saret fit-13 ta' Marzu 2012 għal twaqqiegħ u bini mill-ġdid ta' 'Dar Balluta' f'Balluta liema dar ser isservi bħala residenza għal persuni b'diżabiltà. L-ammont ta' €10,000 biex isiru dawn ix-xogħlijiet ġie approvat fil-11 t'Ottubru 2012.

*ii. Fondazzjoni Ħajja Indipendenti* hija fondazzjoni li tippromwovi ħajja indipendenti għal persuni b'diżabilta`. Din il-fondazzjoni għamlet talba fis-17 t'April 2012, għal xiri ta' kċejjen adattati għal persuni b'diżabiltà fil-fond residenzjali li l-fondazzjoni bniet ġewwa 'Vjal il-Ħaddiem, Naxxar'. Is-somma ta' €14,000 ġiet approvata fl-20 t'April 2012.

iii. Talba għal għajnuna finanzjarja saret fit-

18 t'April 2012 minn 'Dar Merħba Bik', li hija *shelter* għal vittmi ta' vjolenza domestika u tfal tagħhom. L-għajnuna ser isservi sabiex jinbena *playground*, post ta' rikreazzjoni għat-tfal li jagħmlu użu minn dan il-post. Is-somma ta' €6,000 ġiet approvata fl-20 t'April 2012 għal dawn ix-xogħlijiet.

## 1.10 Postijiet vojta fejn l-Awtorità talbet lura ċ-ċwievet

L-Awtorità tad-Djar, sal-31 ta' Diċembru 2012 kienet qiegħda titlob lura ċ-ċwievet ta' 20 post. Dan jiġri għaliex l-inkwilini ma jkunux qiegħdin josservaw il-kundizzjonijiet marbuta mal-kuntratt tal-kirja.

## 1.11 Ordni tar-Rekwiżizzjoni

Fil-bidu tas-sena, l-Awtorità kellha 194 ordni ta' rekwiżizzjoni li għadhom fis-seħħ iżda l-Awtorità tad-Djar kompliet b'dan l-eżerċizzju sabiex jiġu rtirati aktar biex b'hekk il-proprjeta` privata terġa' tingħata lura lis-sidien rispettivi tagħha. Din is-sena ġew irtirati 5 ordnijiet tar-rekwiżizzjoni. Ta' min jgħid ukoll li mhux dejjem faċli li jitneħħew dawn ir-rekwiżizzjonijiet peress li f'xi każijiet l-inkwilini jkunu qed jitpoġġew fil-periklu li jitilfu l-post peress li fil-maġġoranza tal-każijiet dawn ma jkunux rikonoxxuti mis-sidien. Huwa l-ħsieb tal-Awtorità li tkompli b'dan il-proċess ta' tneħħija.

## 1.12 Skemi – *Ninvesti Fid-dar Tiegħi, Sir Sid ta' Darek 2012, Nirranġa d-Dar Tiegħi, ADP, Sussidju tal-Kera, Nirranġa d-Dar Tiegħi*

| | Applikazzjonijiet Ġodda 1/1/12 sa 31/12/12 | Applikazzjonijiet Approvati 1/1/12 sa 31/12/12 | Applikazzjonijiet fil-proċess 31/12/12 |
|---|---|---|---|
| Ninvesti fid-Dar Tiegħi | 29 | 8 | 37 |
| Sir Sid Darek 2012 | 103 | 2 | 93 |

| | Applikazzjonijiet Ġodda 1/1/12 sa 31/12/12 | Applikazzjonijiet Approvati 1/1/12 sa 31/12/12 | Applikazzjonijiet fil-proċess 31/12/12 | Benefiċjarji 1/1/12 sa 31/12/12 |
|---|---|---|---|---|
| Skema Tiswijiet | 326 | 108 | 221 | 77 |
| Skema Diżabiltà | 114 | 60 | 70 | 53 |
| Skema Lifts | 6 | 0 | 33 | 0 |
| Refużjoni tal-VAT | 409 | 416 | 150 | 432 |
| Skema Interessi *** | 166 | 26 | 114 | 9 |
| Skema 60+ | 166 | 18 | 123 | 0 |
| Għotja fuq il-Pagament tas-Self mill-Bank** | 13 | 3 | 2 | 24 |

***Taħt din l-iskema applikant jibqa' jibbenefika għal 10 snin.*
**** Taħt din l-iskema applikant jibqa' jibbenefika għal 8 jew 10 snin.*

| | Applikazzjonijiet Ġodda 1/1/12 sa 31/12/12 | Applikazzjonijiet Approvati 1/1/12 sa 31/12/12 | Applikazzjonijiet fil-proċess 31/12/12 | Benefiċjarji 1/1/12 sa 31/12/12 |
|---|---|---|---|---|
| * Skema R u<br>* Skema Sussidju fuq il-Kera | 561 | 350 | 261 | 1317 |

** Taħt din l-iskema applikant jibqa' jibbenefika għal 5 jew 6 snin.*



## 1.13 Nirranġa d-Dar Tiegħi

Din l-iskema l-ġdida kienet mibnija fuq skema li fil-passat kien jisimha '*Care and Repair*'. L-għan ewlieni ta' din l-iskema huwa li tgħin lil dawk is-sidien anzjani biex jibqgħu jgħixu fil-komunità tagħhom. Huwa fatt magħruf li l-anzjan meta jinħareġ mill-ambjent tiegħu jkun tassew żmien diffiċli ħafna sakemm huwa jidra l-ambjent il-ġdid tiegħu. Għaldaqstant, l-Awtorità b'din l-iskema qiegħda tgħin biex bi ftit għajnuna, dawn l-anzjani jibqgħu fid-dar tagħhom. Din l-iskema hija wkoll marbuta ma' *means testing* tal-applikant.

Din l-iskema kienet ġiet introdotta f'nofs din is-sena u għaldaqstant l-ammont li saru u dawk pendenti huma:

| | |
|---|---|
| Approvati (qiegħed isir ix-xogħol meħtieġ) | 69 |
| Pendenti (qegħdin fil-proċess ta' evalwazzjoni) | 20 |
| Miżjuda (ma kwalifikawx) | 6 |

## 1.14 *Affordable housing* Darek Faċli - Avviż Numru 76 - Bejgħ ta' Proprjetà

Parti mill-ħidma tal-Awtorità hija li toffri mhux biss *social housing* imma anke *affordable housing*, jiġifieri li bi ftit għajnuna, l-Awtorità tgħin lill-applikanti jsiru sidien tad-dar tagħhom. L-Awtorità tad-Djar allokat 123 post li ħareġ għall-bejgħ taħt Avviż Numru 76. L-isem ta' din l-iskema tal-bejgħ kien 'Darek Faċli'. Din l-iskema għandha din it-tema għaliex, biex l-Awtorità tkompli tgħin lil dawk il-*first time buyers* li għandhom problema li jisselfu mil-Banek, l-Awtorità għamlet kundizzjonijiet ta' pagamenti b'mod aktar faċli. Fil-fatt, l-Awtorità kellha 'l fuq minn 800 applikazzjoni. Minħabba li l-proċess tax-xiri jieħu diversi stadji minħabba diversi fatturi fosthom ir-riċerki meħtieġa, il-proċess sal-31 ta' Diċembru 2012 kien dan li ġej:

| *Files* approvati u rifertuti għall-konvenju (sal-31 ta' Diċembru 2012) | *Files* fil-proċess (sal-31 ta' Diċembru 2012) |
|---|---|
| 44 | 79 |

*Tnedija tal-iSkema Darek Faċli*



# 2. Sezzjoni Notarili

Matul is-sena 2012 ġew iffirmati total ta' 1,207 bejn kuntratti u konvenji.

- Dawn kienu jikkonsistu f' 52 kuntratt ta' bejgħ ta' proprjeta` tal-Awtorità tad-Djar. Dawn jinkludu kuntratti ta' bejgħ ta' appartamenti u mezzanini kif ukoll garaxxijiet mibjugħa bit-*tender* u kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà mikrija mill-Gvern lill-inkwilini.
- Saru 108 kuntratt finali wara li ħareġ l-avviż legali min-naħa tad- Dipartiment tal-Artijiet.
- Ġew iffirmati 187 kuntratt/konvenju ta' fidi ta' ċens perpetwu.
- 153 kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà bejn terzi persuni li jinvolvu kanċellamenti u kostituzzjoni ta' ipoteki u rifużjoni ta' sussidji, u 52 kuntratt ta' ipoteki fuq skemi li jipprovdu għajnuna sabiex jitranġaw id-djar.
- F'dan il-perjodu ta' żmien saru wkoll 450 konvenju ta' diversi skemi li jipprovdu għajnuna sabiex tirranġa darek, konvenji ta' sussidju tal-kera tal-postijiet privati, konvenji fuq xiri ta' Proprjetà mill-Awtorità tad-Djar, u konvenji ta' xiri ta' proprjeta mikrija mill-Gvern lill-inkwilini.
- Din is-sena saru wkoll 11-il kuntratt ta skemi li jgħinu lill-applikanti jixtru mill-privat.
- L-iSkema KIRI ġiet inawgurata mill-Awtorità tad-Djar kmieni din is-sena. L-Awtorità kriet 194 post matul din l-aħħar sena, mingħand sidien privati.

Aktar fid-dettalji ta' ħidma:

| | |
|---|---|
| Kuntratti ta' bejgħ (appartamenti u mezzanini) | 8 |
| Kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà mikrija mill-Gvern lill-inkwilini | 1 |
| Kuntratti ta bejgħ ta' garaxxijiet bit-*tender* | 43 |
| Kuntratt finali (appartamenti u mezzanini) | 24 |
| Kuntratt finali ta' artijiet *Home ownership* | 81 |
| Kuntratti finali ta' garaxxijiet bit-*tender* | 3 |
| Fidi ta' ċens skema P | 5 |
| Fidi ta' ċens skema Q | 4 |
| Fidi ta' ċens skema K | 168 |
| Fidi ta' ċens (appartamenti u mezzanini) | 10 |
| Proprjetà trasferita bejn terzi persuni/ipoteki fuq kostruzzjoni *Home ownership* | 49 |
| Proprjetà trasferita bejn terzi persuni (appartamenti u mezzanini) | 12 |
| Proprjetà trasferita bejn terzi persuni (*loan subsidy*) | 92 |
| Kuntratti ta' ipoteki fuq skema A | 3 |
| Kuntratti ta' ipoteki fuq skema L | 21 |
| Kuntratti ta' ipoteki fuq skema Diżabiltà | 13 |
| Kuntratti ta' skema Irranġar u Titjib | 10 |
| Kuntratti ta' skema Nirranġa d-Dar Tiegħi | 5 |
| Konvenji ta' skema SM | 12 |
| Konvenji ta' skema I | 59 |
| Konvenji ta' skema L | 15 |
| Konvenji ta' skema Sussidju tal-Kera | 341 |
| Konvenji ta' skema Diżabiltà | 6 |
| Konvenji ta' skema Irrangar u Titjib | 17 |
| Għajnuna ta' xiri mill-privat skema GALR | 4 |
| Għajnuna ta' xiri mill-privat skema ISS | 7 |
| Konvenji ta' Skema Kiri | 194 |

***Fl-2012 ġew iffirmati total ta' 1,207 bejn kuntratti u konvenji.***



# 3. Tmexxija tal-Proprjetà (Estate Management)

Is-sezzjoni tat-Tmexxija tal-Proprjetà bdiet il-ħidma tagħha b'mod uffiċjali fil-25 ta' Ġunju 2012. Il-formazzjoni ta' sezzjoni ġdida involviet fażi ta' tranżizzjoni li fiha saru l-arranġamenti meħtieġa sabiex is-sezzjoni setgħet tibda tiffunzjona u taqdi d-dmirijiet tagħha. L-istaff ġie miġbur f'uffiċini fl-istess sular li ġie atrezzat sabiex jitjieb l-operat u l-komunikazzjoni fi ħdan is-sezzjoni. Ġew imqassma u identifikati r-responsabiltajiet ta' kull membru tas-sezzjoni. Ġew introdotti proċeduri ġodda u proċeduri oħra li kienu jintużaw qabel ġew żviluppati biex jintlaħqu l-għanijiet u l-objettivi tas-sezzjoni.

Il-funzjoni prinċipali ta' din is-sezzjoni hija li tamministra l-proprjetà tal-Awtorità mikrija b'għan soċjali. Huwa l-ħsieb tal-Gvern li l-proprjetà kollha mikrija għal skop soċjali, li tammonta għal madwar 9,000 residenza, tiġi mgħoddija lill-Awtorità tad-Djar fis-snin li ġejjin. L-amministrazzjoni tikkonsisti fi ġbir ta' kera, sorveljanza tal-partijiet komuni tal-blokok tal-appartamenti, verifika tal-okkupazzjoni tal-fondi u żamma ta' rekords u pjanti. Qabel ma ġiet iffurmata din is-sezzjoni l-Awtorità tad-Djar diġa' kellha xi proprjetà iżda l-ammont tagħha se jiżdied bil-bosta meta jitlesta l-proċess tat-trasferiment tal-proprjetà tal-Gvern. L-ewwel fażi tat-trasferiment tlestiet matul is-sena li għaddiet u iktar proprjetà ser tiġi trasferita din is-sena.

Fost xogħol ieħor tas-Sezzjoni tat-Tmexxija tal-Proprjetà nsibu:

- L-amministrazzjoni ta' garaxxijiet, ħwienet u mħażen li huma proprjetà tal-Awtorità tad-Djar. Il-proġetti ta' bini ta' residenzi ħafna drabi jinkludu l-bini ta' fondi b'użu kummerċjali fil-pjan terran jew sotterran. Din is-sezzjoni tieħu ħsieb li dawn il-fondi jiġu mibjugħa jew mikrija skont il-ħtieġa tar-residenti tal-akkwata.
- Iż-żamma ta' rekords ta' proprjetà u bċejjeċ ta' art mibjugħa mill- Awtorità tad-Djar matul is-snin. Uħud minn dawn il-bċejjeċ ta' art u proprjetà kienu ġew allokati fuq kuntratt konvenju peress li l-Gvern kien għadu ma akkwistax it-titlu tal-art. Din is-sezzjoni tieħu ħsieb li, malli jkun possibli, l-art tiġi mogħtija lill-Awtorità tad-Djar sabiex ikun jista jsir il-kuntratt finali.
- Il-ġbir ta' ċens u flus oħra dovuti lill-Awtorità tad-Djar mill-benefiċjarji. Barra mill-ġbir tal-kera, din is-sezzjoni tieħu ħsieb kull ġbir ta' flus dovut mill-benefiċjarji b'mod regolari. Dan il-ġbir ta' flus spiss jinvolvi f'ġiri wara arretrati li jikkonsistu f'ittri u laqgħat mal-benefiċjarji li jonqsu milli jħallsu l-flus dovuti.
- L-amministrazzjoni ta' 35 *lift* u s-superviżjoni ta' 100 *lift* amministrati mir-residenti.
- L-amministrazzjoni ta' bċejjeċ ta' art vojta. L-Uffiċju Konġunt kien għadda diversi bċejjeċ ta' art lill-Awtorità tad-Djar sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati f'residenzi għal akkomodazzjoni soċjali. Uħud minn dawn l-artijiet għadhom vojta.

## 3.1 Sezzjoni tal-Ispettorat

### 3.1.1 Okkupazzjoni tar-Residenza

Ix-xogħol prinċipali ta' din is-sezzjoni huwa li jispezzjona r-residenzi mikrija mill-Awtorità tad-Djar u mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern. L-iskop ta' dawn l-ispezzjonijiet huwa li jiġi kkonfermat li r-residenzi qed jiġu okkupati tassew mill-inkwilini rikonoxxuti u li ma jsir l-ebda użu mill-proprjetà li mhux awtorizzat. Saru 610 ispezzjonijiet fejn instabu 3 residenzi li fuqhom jeħtieġ issir iktar investigazzjoni. Matul dawn l-ispezzjonijiet, 24 inkwilin ġew imfakkra li waqgħu lura fil-ħlas tal-kera. Saru wkoll 54 spezzjonijiet ta' natura investigattiva sabiex jiġi stabbilit min huma l-okkupanti ta' fondi allokati mill-Awtorità tad-Djar.

### 3.1.2 Strutturi Illegali

Din is-sezzjoni bdiet tidentifika strutturi mibnija mingħajr awtorizzazzjoni fi proprjetà mikrija mill-Awtorità tad-Djar jew mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern. Fis-sena 2012 saru 79 l-ispezzjoni ta' din



*Is-Sezzjoni Servizzi Tekniċi kellha diversi rekords u pjanti ta' plots u proprjetà li ġew allokati mill-Awtorità tad-Djar taħt skemi varji. Dawn ir-rekords issa qed jinżammu u jiġu aġġornati minn din is-sezzjoni.*

in-natura. Qed titwettaq ħidma sabiex tkun tista tittieħed azzjoni ulterjuri fuq dawn l-istrutturi.

### 3.1.3 *Evictions*

Huwa l-ħsieb tal-Gvern li l-Awtorità tad-Djar tingħata s-setgħa li tieħu azzjoni diretta biex twaqqaf abbuż fil-proprjetà tagħha. Eventwalment, is-sezzjoni tal-ispettorat se tibda twettaq *evictions* u xogħol ieħor ta' nfurzar li kien isir mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern. S'issa saru żewġ *evictions* bi sħab mad-Dipartiment imsemmi sabiex jitħejja l-proċess meħtieġ għal dan ix-xogħol.

### 3.1.4 Amministrazzjoni tal-Proprjetà

Xogħol ieħor li jagħtu sehem fih l-uffiċjali ta' din is-sezzjoni huwa l-amministrazzjoni tal-garaxxijiet fil-pussess tal-Awtorità tad-Djar. Fost ix-xogħol li jsir f'dan ir-rigward hemm l-iċċekjar taċ-ċwievet, investigazzjonijiet dwar sitwazzjonijiet li jistgħu jikkawżaw dannu fil-proprjetà u superviżjoni ta' xogħol ta' tindif, bdil ta' ċwievet u xogħol ieħor li jsir fil-garaxxijiet jew fil-partijiet komuni tagħhom. Inbeda proċess sabiex iċ-ċwievet kollha miżmuma minn din is-sezzjoni jiġu ċċekjati. Saru 327 ispezzjoni f'dan ir-rigward fejn instab li s-serratura ta' 21 garaxx trid tinbidel. Saru wkoll 35 ispezzjoni sabiex il-meters tad-dawl tal-komun jiġu trasferiti f'isem ir-residenti.

## 3.2 Sezzjoni tar-*Records* (*Data*)

### 3.2.3 Trasferiment ta' Proprjetà mill-Gvern lill-Awtorità tad-Djar

Tkompla l-ewwel proċess tat-trasferiment ta' proprjetà mikrija fejn 1,137 proprjetà f'159 blokk għaddew mingħand il-Gvern lill-Awtorità tad-Djar permezz ta' Avviż Legali 235/2012.

Qed jitwettaq it-tieni proċess li jikkonsisti f'134 blokk fejn madwar 70% tal-pjanti ġew ippreparati u mgħoddija lid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Proprjetà. Qed isiru laqgħat regolari sabiex tingħata l-assistenza meħtieġa lill-imsemmi Dipartiment.

Inbeda wkoll it-tielet proċess li jikkonsisti fit-trasferiment ta' dawk il-blokok li uħud mill-inkwilini li jgħixu fihom applikaw sabiex jixtru r-residenza tagħhom taħt l-iskema 'Sir Sid ta' Darek'. S'issa hemm 119-il blokk li ġew inklużi f'dan l-eżerċizzju u madwar 48% tal-pjanti ġew ippreparati u mgħoddija lid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Proprjetà.

Sar ukoll eżerċizzju sabiex residenzi li kienu amministrati mill-Gvern taħt Pussess u Użu jiġu trasferiti lill-Awtorità tad-Djar sabiex għall-ewwel darba l-inkwilini ikunu jistgħu jixtru r-residenza tagħhom. Ġew trasferiti 197 proprjetà fi 15-il blokk.



*Isir ukoll xogħol ta' superviżjoni fuq 100 lift li huma amministrati mir-residenti. Ħafna minn dawn il-lifts ġew imwaħħla mill-Awtorità tad-Djar permezz ta' Skema 'V'.*

Din is-sezzjoni wettqet ukoll xogħol fuq it-trasferiment ta' 106 plot fi 13-il akkwata li kienu ġew allokati fis-snin tmenin taħt il-*Home Ownership Scheme* biex b'hekk il-benefiċjarji jkunu jistgħu jiffirmaw il-kuntratt tal-post tagħhom. Il-kuntratti ta' dawn il-plots ma setgħux jiġu ffirmati sakemm il-Gvern akkwista l-art.

### 3.2.4 Reġistrar tal-Art

Din is-sezzjoni tieħu ħsieb tipprepara l-pjanti sabiex il-bċejjeċ ta' art mgħoddija lill-Awtorità tad-Djar ikunu jistgħu jiġu rreġistrati mar-Reġistru tal-Artijiet. Dan il-proċess huwa metikoluż peress li l-pjanta trid tiġi mqabbla ma' reġistrazzjonijiet eżistenti f'isem terzi persuni fuq artijiet li jinsabu biswit tagħna, mal-pjanta li permezz tagħha sar it-trasferiment f'isem l-Awtorità tad-Djar kif ukoll mal-bini eżistenti fuq is-sit. S'issa matul din is-sena tlestew 17-il pjanta għar-reġistrazzjoni.

Saru laqgħat mar-Reġistru tal-Artijiet dwar il-possibilità li l-Awtorità tad-Djar takkwista l-programm użat mill-imsemmi Dipartiment sabiex jiġu rreġistrati l-artijiet. L-akkwist ta' dan il-programm jgħin ħafna sabiex jitħaffef il-proċess tar-reġistrazzjoni. Id-diskussjonijiet rigward dan għadhom għaddejjin.

### 3.2.5 Żamma ta' Rekords u Pjanti

Is-Sezzjoni Servizzi Tekniċi kellha diversi rekords u pjanti ta' plots u proprjetà li ġew allokati mill-Awtorità tad-Djar taħt skemi varji. Dawn ir-rekords issa qed jinżammu u jiġu aġġornati minn din is-sezzjoni. Diversi *databases* ġew mgħaqqda u huwa l-ħsieb ta' din is-sezzjoni li eventwalment ikun hemm *database* waħda li tinkorpora r-rekords kollha.

Din is-sezzjoni wetqet ukoll analiżi tad-*databases* li fihom jiġu inklużi r-rekords minn sezzjonijiet oħra fejn ġew identifikati residenzi li ma kinux jinstabu fl-inventarju ta' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar.

Barra minn hekk isiru wkoll laqgħat regolari mad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern sabiex jiġu aġġornati ir-rekords u tiġi akkwistata iktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Qed isir ukoll eżerċizzju sabiex il-pjanti tal-blokok tal-Gvern jiġu *digitized* permezz ta' *scanning*.

Sar kejl f'37 residenza li sa ftit ilu kienu amministrati mill-Gvern taħt 'Pussess u Użu' u li l-inkwilini tagħhom applikaw taħt Skema SD sabiex jixtru r-residenza fejn jgħixu.

Skema P – Sar xogħol sabiex 14-il biċċa art li kienu ġew allokati mill-Gvern jiġu mgħoddija lill-Awtorità tad-Djar sabiex il-benefiċjarji tagħhom ikunu jistgħu jifdu ċ-ċens.

Trasferimet ta' proprjetà mibjugħa fuq kuntratt ta'

konvenju – Sar xogħol sabiex 4 proprjetajiet li kienu ġew mibjugħa fuq kuntratt ta' konvenju minħabba li l-art kienet għadha ma ġietx akkwistata mill-Gvern, jiġu trasferiti lill-Awtorità tad-Djar.

### 3.2.6 Ċwievet

Din is-sezzjoni tieħu ħsieb ukoll iż-żamma taċ-ċwievet tal-postijiet li huma proprjetà tal-Awtorità tad-Djar, li jinkludu 487 fond mhux residenzjali bħal garaxxijiet, ħwienet u mħażen. Dan ix-xogħol jinvolvi ż-żamma ta' lista taċ-ċwievet li tiġi aġġornata regolarment kif ukoll reġistru taċ-ċwievet li jiġu mislufa jew mogħtija.

### 3.2.7 Valutazzjonijiet

Din is-sezzjoni għamlet ukoll ix-xogħol neċessarju sabiex ikunu jistgħu jinħadmu diversi valutazzjonijiet. Saru 8 valutazzjonijiet għal rifużjoni ta' sussidji fuq art li kienet ġiet allokata taħt il-*Home Ownership Scheme*; 30 valutazzjoni għal bejgħ ta' proprjetà taħt skema SD; 18-il valutazzjoni ta' proprjetà għal skop ta' stima tal-valur tal-assi u 66 valutazzjoni għal bejgħ jew kiri ta' garaxxijiet.

### 3.2.8 Għaqdiet mhux Governattivi

Saru 3 ispezzjonijiet u 6 pjanti b'konnessjoni ma għotjiet lil Għaqdiet Volontarji.

## 3.3 Sezzjoni tal-Ġbir tal-Flus u t-Tmexxija tal-Proprjetà

### 3.3.1 Ġbir ta' flus

Din is-sezzjoni hija responsabbli mill-ħlas ta' kirjiet u ċnus tal-proprjetà amministrata mill-Awtorità tad-Djar. Matul l-2012 intbgħatu 5200 notifika dwar il-ħlas dovut u nġabru € 593,582 kif indikat fit-tabella li ġejja:

| | |
|---|---|
| Kirjiet imħallsa lill-Awtorità tad-Djar | € 315,642 fuq 1,145 proprjetà |
| Okkupazjoni ta' proprjetà mingħajr titlu | € 89 fuq 88 proprjetà |
| Qbiela | € 35 fuq 2 proprjetajiet |
| Ċnus mħallsa lill-Awtorità tad-Djar | € 24,807 fuq 586 proprjetà |
| Ċnus / kirjiet mħallsa lid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern iżda pagabbli lill-Awtorità tad-Djar | € 281,773 fuq 5,173 proprjetà |



**Il-Birgu** *(qabel u wara).*
*Manutenzjoni tal-komun flimkien mal-Kunsilli Lokali.*
*Sal-31 ta' Diċembru: 102 binjiet lesti u 40 binja li għadu għaddej ix-xogħol fihom.*



### 3.3.2 Tmexxija tal-Proprjetà

Din is-sezzjoni tinvestiga l-ilmenti u tagħmel ispezzjonijiet fil-partijiet komuni tal-appartamenti. Matul l-2012 saru 246 laqgħa sabiex ir-residenti jiġu infurmati dwar l-obbligi tagħhom rigward iż-żamma tal-partijiet komuni.

### 3.3.3 Amministrazzjoni ta' *Lifts*

Din is-sezzjoni tieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' 35 *lift* li tikkonsisti fi ġbir ta' kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-*lift* mingħand ir-residenti; iffirmar ta' ftehim ta' kontribuzzjoni mal-kumpanija li installat il-*lift* u f'ispezzjonijiet sabiex jiġi assigurat li l-ftehim ta' manutenzjoni li jiġi ffirmat mal-kumpanija tal-lifts jiġi rrispettat mir-residenti. Saru diversi laqgħat sabiex jiġu indirizzati ilmenti mressqa mir-residenti. Saru wkoll laqgħat sabiex ir-residenti jiġu mħeġġa biex jiffurmaw Assoċċjazzjoni tar-Residenti.

### 3.3.4 Superviżjoni ta' *Lifts*

Isir ukoll xogħol ta' superviżjoni fuq 100 *lift* li huma amministrati mir-residenti. Ħafna minn dawn il-*lifts* ġew imwaħħla mill-Awtorità tad-Djar permezz ta' Skema 'V'. Ir-residenti ta' dawn il-blokok huma obbligati li jibgħatu kopja tal-ftehim ta' manutenzjoni sabiex jiġi assigurat li l-*lifts* qed jinżammu f'kundizzjoni tajba.

### 3.3.5 *Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi*

Saru 14-il laqgħa mas-Sindki u l-Amministraturi tal-blokok li fihom ir-residenti ta' 141 blokka ġew mħejja biex jieħdu sehem f'din l-iskema. Dawn il-laqgħat saru fil-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara, Bormla, il-Birgu, il-Fgura, il-Furjana, Raħal Ġdid, il-Kalkara, il-Marsa, Ħal-Qormi, ir-Rabat, Santa Luċija, Ta' Xbiex, il-Belt Valletta u ż-Żejtun.

### 3.3.6 *Skema Kiri*

L-ammont ta' postijiet mikrija mill-Awtorità tad-Djar żdied ferm peress li l-Awtorità tad-Djar kriet bosta postijiet mis-settur privat sabiex tkun tista' tikrihom għal skop soċjali. Id-dettalji ta' dawn ir-residenzi ġew imdaħħla fid-*database* sabiex jibda jsir il-ġbir tal-flus dovuti għal kirjiet b'mod regolari.

### 3.3.7 *Programm LEMIS*

L-Awtorità tad-Djar iffirmat ftehim mal-Loqus sabiex tkun tista` tibda tuża l-"*Land Estate Management Information System*" (LEMIS), programm tal-kompjuter li jgħin fl-operat tat-tmexxija tal-proprjetà. Dan il-programm diġa` qed jintuża mid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern u qed isiru arranġamenti biex jiġu amalgamati id-*databases* tal-Awtorità tad-Djar (li bħalissa qiegħdin fuq il-programm KIRI) u tad-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern. Se jibda t-taħriġ tal-ħaddiema ta' din is-sezzjoni fuq l-ewwel *module* – "*Rent Generation Module*".

### 3.3.8 Ftehim mal-'Maltapost'

Sar ftehim mal-korporazzjoni 'Maltapost' biex din tibda tieħu ħsieb il-ħruġ ta' kontijiet u l-ħlas ta' kirjiet u ċnus. B'hekk, il-benefiċjarji se jkollhom il-fakulta` li jħallsu l-flus dovuti fl-uffiċini tal-Maltapost. Dan il-ftehim ser jibda għall-aħħar parti tas-sena 2013.

*Stair lift installat f'residenza f'Birkirkara*



# 4. Tiswija u Adattament tal-Proprjetà tal-Gvern

## 4.1 Talbiet ta' *lifts* – talbiet li saru, talbiet magħluqa u talbiet pendenti

- Saru 7 talbiet ġewwa binjiet, fosthom il-Belt, Furjana u M'Xlokk
- 17-il applikazzjoni quddiem il-MEPA. Dawn huma:
  - PA 5282/08 Block C1, Triq id-Duluri, Pietà (HAV 14/2007)
  - PA 3093/12 Block B (Flats 1-8), Għajn Kajjet, Rabat, Malta (HAV 17/2007)
  - PA 42/13 Block C, Triq l-Iskola, Marsa (E01/2011)
  - PA 51/13 Block 4, Bieb C, Vjal in-Naspli, San Ġwann (HAV 07/2005)
  - PA 258/13 125, Triq ir-Repubblika, Valletta (HAV 18/2007)
  - PA 268/13 Block C3, Qasam tal-Bini Tal-Gvern, Ta' Xbiex (HAV 17/2003)
  - PA 277/13 Block E2, Triq l-Abate Rigord, Ta' Xbiex
  - PA 279/13 Block C5, (Flats 1-8), Triq Fonsu Maria Galea, B'Kara (HAV 01/2008)
  - PA 297/13 Block 6, Bieb B, Vjal in-Naspli, San Ġwann
  - PA 300/13 Block D, Fuq Tal-Blat, Qormi (HAV 08/2006)
  - PA 301/13 Block 1, Bieb A, Triq l-Ewkaliptus, San Ġwann (HAV 21/2007)
  - PA 303/13 Block 6, Bieb A, Vjal in-Naspli, San Ġwann (HAV 19/2007)
  - PA 304/13 Block A3, Triq il-Watar, Ta' Xbiex (HAV 02/2007)
  - PA 307/13 Block C1, Triq il-Prinċipessa Margerita, Msida (HAV 02/2009)
  - PA 338/13 Block 5, Bieb B, Misraħ Lewza, San Ġwann (HAV 01/2007)
  - PA 567/13 Block F, Triq il-Jum, Marsa (E02/2010)
  - TN 150982 Block 3, Bieb B, Q.B.G., Triq Ramija, Siġġiewi (HAV 01/2009). .

Applikazzjonijiet li l-Awtorità qiegħda taħdem fuqhom huma:

- Blocks B, C, D, E, Mġarr
- Block O, Triq ir-Rummien, San Ġwann
- Blocks A1, A2, A3, A4, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke
- Blocks A, B, C, D, E, F, Triq Dar il-Kaptan, Mtarfa
- Block 10, Triq it-Tramuntana, Valletta

Matul din is-sena l-Awtorità daħlet f'diskussjoni mal-KNPD biex ikun hemm *memorandum of understanding* bejn iż-żewġ entitatjiet. L-għan ta' dan il-ftehim huwa biex ikun hemm ftehim aħjar u jiġu solvuti każijiet taħt *test of reasonability*. Huwa maħsub li dan il-ftehim ikun tlesta sal-bidu tas-sena 2013.

## 4.2 Proġetti mal-Kunsilli Lokali - tisbiħ tal-madwar tal-binjiet

Wieħed mill-għanijiet tal-Awtorità huwa li jkun hemm riġenerazzjoni f'oqsma tal-madwar tal-binjiet tal-Gvern. Bl-għajnuna sħiħa tal-Kunsilli Lokali, li fi ħdanhom hemm il-binjiet tal-Gvern, l-Awtorità kompliet twettaq diversi proġetti ta' tisbiħ madwar dawn l-oqsma. Matul din is-sena kien hemm: Bormla, Furjana, Isla, Rabat, Żurrieq, B'kara, Kalkara, Mtarfa, Żejtun, San Ġiljan u Ta' Xbiex.



**Birkirkara** *(qabel u wara)*
*Manutenzjoni tal-komun flimkien mal-Kunsilli Lokali*



## 4.3 Manutenzjoni tal-komun flimkien mal-Kunsilli Lokali

Skema oħra li l-Awtorità kompliet twettaq matul din is-sena kienet l-iskema tal-manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern. B'din l-iskema, mifruxa fuq medda ta' diversi snin u bl-għajnuna tal-Kunsilli Lokali, kien hemm diversi komuni li bbenefikaw mill-fondi allokati. Qabel ma saret din il-manutenzjoni, l-Awtorità iltaqgħet mar-residenti li ġew mistiedna għal laqgħa ta' informazzjoni u djalogu fejn inħatar amministratur minn fosthom. L-għan ta' din l-iskema huwa li jagħti l-*empowerment* lir-residenti biex mhux biss ikunu aktar responsabbli mill-binja tagħhom imma jieħdu sehem attiv ukoll.

| | |
|---|---|
| Binjiet lesti | 102 |
| Binjiet li għadu għaddej ix-xogħol fihom | 40 |

## 4.4 Talbiet ta' manutenzjoni tal-ħsarat

Waħda mill-ħidmiet tal-Awtorità hija li tagħmel manutenzjoni ta' ħsarat li huma proprjetà tal-Gvern jew inkella tal-Awtorità. Għalkemm ir-responsabbiltà tal-manutenzjoni ordinarja hija f'idejn l-inkwilin, l-Awtorità għandha r-responsabbiltà tal-manutenzjoni straordinarja.

Matul din is-sena l-Awtorità kellha 945 każ li minnhom:

| | |
|---|---|
| Każijiet li ġew approvati | 221 |
| Każijiet li hemm bżonn issir ispezzjoni | 380 |
| Każijiet miċħuda | 139 |
| Każijiet li sar ix-xogħol mill-Awtorità | 205 |

Wieħed irid isemmi li għalkemm l-Awtorità tifhem il-bżonn li taħdem aħjar fuq dan ir-rigward minħabba n-natura tal-ħsarat, l-Awtorità għandha bżonn aktar riżorsi umani u tekniċi. Barra minn hekk , l-Awtorità qed titlob li jkun hemm direzzjoni aktar ċara fir- rigward tal-liġi tal-kera fejn din tgħid li l-kera għandha togħla b'6% maħduma fuq l-ispiża meħtieġa.

## 4.5 *Scheduled Maintenance*

Dan huwa xogħol ta' manutenzjoni li jsir fuq bażi ta' rutina. Kien hemm dawn ix-xogħlijiet:

- Mġarr, Binja Skorba
- Okella Agius, Ħamrun
- Isla, Block 5A & B
- Tarxien, Triq Betta & B'Bugia
- San Ġiljan, Ta' Ġiorni

Appartamenti/djar eċċ li qiegħed isir xogħol fihom biex jingħataw għal *social housing*

| | |
|---|---|
| każijiet li ġew magħluqa | 94 |
| każijiet li jinsabu fil-proċess | 11 |

*Matul l-2012 saru wkoll xi xogħlijiet li jsiru fuq bażi ta' rutina.*



# 5. Il-Funzjoni tal-Awditjar Intern

L-għanijiet prinċipali tal-funzjoni tal-Awditjar Intern huma:

- Li tassigura li kull dipartiment qed jopera skont l-istruzzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Awtorità tad-Djar u f'każ li m'hemmx proċeduri miktuba, tirrakkomanda lill-Bord sabiex jintroduċihom; u
- Li sservi bħala bażi sabiex tassisti lill-persuni fil-livell Maniġerjali fl-identifikazzjoni tar-riskji u tan-nuqqas ta' kontrolli fis-sistemi eżistenti fi ħdan l-Awtorità. Ix-xogħol tal-awdituri hu eżerċizzju li jevalwa sezzjonijiet differenti tal-Awtorità tad-Djar, li fl-opinjoni tal-awdituri, huma kkunsidrati bħala riskji maġġuri u għalhekk, fejn hu possibbli, isiru rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu imtejba l-kontrolli.

Matul din is-sena l-awditur intern segwa l-pjan tal-Funzjoni tal-Awditjar Intern li kien ġie approvat mill-Bord fis-sena preċedenti.

Matul is-sena 2012 sar eżerċizzju dwar l-assessjar tar-riskji tal-funzjonijiet kollha tal-Awtorità. L-iskop ta' dan l-eżerċizzju kien li jiġu identifikati r-riskji li jaffettwaw il-mod ta' kif l-Awtorità tilħaq l-għanijiet tagħha. Dan l-eżerċizzju jiġi rivedut kull sena. Skop ieħor kien li minn dan l-assessjar jinħareġ il-pjan tal-Awditjar Intern għas-sena 2012 fuq bażi tar-riskji identifikati.

*Matul is-sena 2012 sar eżerċizzju dwar l-assessjar tar-riskji tal-funzjonijiet kollha tal-Awtorità. L-iskop ta' dan l-eżerċizzju kien li jiġu identifikati r-riskji li jaffettwaw il-mod ta' kif l-Awtorità tilħaq l-għanijiet tagħha.*



# 6. Riċerka u Relazzjonijiet Ewropej



*L-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni kompliet il-proġett ta' riabilitazzjoni urbana fiż-żona tal-Port il-Kbir bit-titlu – Stronger Cottonera Communities – The citizens' right to accessibility and mobility. Dan il-proġett, intitolat ERDF 104, huwa parti mill-pjan ta' tisħiħ ta' l-għaqda Ekonomika u Soċjali fl-Unjoni Ewropea. Il-proġett huwa 85% finanzjat mill-Fondi Strutturali filwaqt li l-15% jintnefqu mill-fondi nazzjonali.*

L-Awtorità tad-Djar dejjem ħadmet biex tikseb informazzjoni fuq l-aħħar żvilluppi dwar programmi għall-fondi Ewropej sabiex tkun tista' tiffinanzja aktar proġetti soċjali, ambjentali u ta' taħriġ.

## 6.1 ERDF104 *Stronger Cottonera Communities – The citizens' right to accessibility*

L-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni kompliet il-proġett ta' riabilitazzjoni urbana fiż--żona tal-Port il-Kbir bit-titlu – *Stronger Cottonera Communities – The citizens' right to accessibility and mobility*. Dan il-proġett, intitolat ERDF 104, huwa parti mill-pjan ta' tisħiħ ta' l-għaqda Ekonomika u Soċjali fl-Unjoni Ewropea. Il-proġett huwa 85% finanzjat mill-Fondi Strutturali filwaqt li l-15% jintnefqu mill-fondi nazzjonali.

L-għan ewlieni tal-Awtorità tad-Djar f'dan il-proġett hu li tirranġa l-partijiet komuni ta' żewġ oqsma ta' bini storiku f'Bormla li fil-passat kienu jintużaw mis-Servizzi Ingliżi li llum il-ġurnata huma użati għall-akkomodazzjoni soċjali. Dawn iż-żewġ oqsma huma l-Kwartieri ta' San Nikola u l-kumpless ta' Fuq Verdala li jinsabu biswit is-swar mibnija mil-Kavallieri bħala fortifikazzjoni. L-iskop ta' dan il-proġett hu li jiġu riabilitati dawn iż-żewġ kumplessi. Fost ix-xogħlijiet li qed isiru huma xogħol fuq il-faċċata, il-bejt, it-turġien, kurituri komuni, u l-aperturi li jagħtu għall-faċċatata' Fuq Verdala. Ser jiġi installat lift fi Kwartieri San Nikola. Bħala parti mil-proġett se jsir ukoll xogħol fl-inħawi ta' madwar il-bini sabiex dawn isebbħu filwaqt li se jiġu implimentati miżuri li jiffrankaw l-użu tal-enerġija bħal installazjoni ta' *solar panels* u użu ta' bozoz li jaħlu inqas dawl. Ġie wkoll installat *roof insulation* u *membrane* fuq il-bjut. B'hekk dan il-proġett ta' rinovazzjoni jkun qed iservi wkoll sabiex jiġi mħajjar l-użu ta' enerġija b'mod iktar effiċjenti.

F'Novembru tas-sena 2010 beda x-xogħol fuq it-tneħħija ta' strutturi rregolari mal-bini oriġinali. U komplew matul is-sena 2011. Xogħlijiet ta' riabilitazzjoni ta' dan il-proġett bdew f'Lulju. Sabiex titnaqqas l-inkonvenjenza, ir-residenti qed jiġu avżati skont l-iskeda tax-xogħlijiet. L-irwol ta' L-Awtorità tad-Djar kien li tiffaċilita u tassisti fit-tmexxija tal-proġett filwaqt li sservi bħala medjatur mar-residenti.

Matul is-sena 2012 l-Awtorità kellha djalogi mal-*Project Leader* u l-Kunsill Lokali ta' Bormla sabiex tibda' t-tħejjija għall-*handover* ta' dawn iż-żewġ siti. L-Awtorità mistennija tidħol għall-ftehim ta' manutenzjoni mal-Kunsill Lokali. Matul din is-sena l-Awtorità baqgħet qrib ir-residenti sabiex tilqa' l-ilmenti u d-diffikultajiet tagħhom fejn jirrigwardaw dan il-proġett.

## 6.2 ERDF102 *Energy-Smart Authority*

L-Awtorità tad-Djar mexxiet ukoll il-proġett ERDF102 *Energy-Smart Authority*. Il-proġett kien 85% finanzjat mill-Fondi Strutturali filwaqt li l-15% jintefqu mill-fondi Nazzjonali.

F'dan il-proġett, l-Awtorità tad-Djar ħadet l-inizjattiva sabiex fil-binja tal-Uffiċċini tal-Awtorità fil-Furjana, jibdew jittieħdu miżuri sabiex ikun hemm aktar effiċjenza fl-użu tal-elettriku. Ġiet installata wkoll sistema ta' pannelli fotovoltaiċi. Dan il-proġett serva bħala eżempju sabiex aktar sistemi bħal dawn jiġu installati.

Filwaqt li l-Awtorità għadha tibbenefika minn dan il-proġett, fis-sena 2012 l-Awtorità issottomettiet ir-rapport tal-għeluq tal-proġett. F'Diċembru ġie mħabbar mill-*Priorities and Planning Coordinating Division* (PPCD), l-Awtorità tal-immaniġjar tal-fondi strutturali tal-Unjoni Ewropea, li se jsir *performance audit* fis-sena 2013 li fih hu mistenni li dan il-proġett kien ta' suċċess. Il-miri ta' dan il-proġett intlaħqu u qabżu r-riżultati mistennija.

## 6.3 ESF3.61 E4L *Embark for Life*

*Embark for Life* huwa proġett kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew. Dan il-proġett ġie mfassal mill-Fondazzjoni għas-servizzi ta' Ħarsien Soċjali b'kontribut dirett ta' l-aġenziji fi ħdan il-Fondazzjoni; L-Appoġġ u s-Sedqa.

L-Awtorità tad-Djar u l-ETC ħadu sehem ukoll bħala *partners* f'dan il-proġett. L-ETC offriet is-servizzi tagħha għal dak li jinvolvi impjieg u taħriġ. Filwaqt li l-Awtorità tad-Djar offriet proprjetà tagħha biex tintuża bħala ċentru għall-operazzjonijiet ta' E4L.

L-Awtorità tad-Djar tat sapport ukoll fejn żgħażagħ li fittxew is-servizzi ta' dan il-proġett ma kellhomx saqaf fuq rashom u ġew mgħejuna biex ikollhom kwalità ta' ħajja aħjar. Dan il-proġett ġie konkluż lejn l-aħħar tal-2012.

Matul 2012, l-Awtorità tad-Djar bdiet ir-riċerki tagħha biex tara x'possibiltajiet hemm għall-aktar proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea speċjalment fil-qasam edukattiv u fil-qasam tal-enerġija u aċċessibiltà. Sar xi xogħol ukoll ma' konsulenti speċjalment fil-qasam tal-Konservazzjoni tal-Enerġija kif ukoll ta' mezzi u użu ta' enerġija riġenerattiva (*renewable energy*).

*L-Awtorità tad-Djar mexxiet ukoll il-proġett ERDF102 Energy-Smart Authority. Il-proġett kien 85% finanzjat mill-Fondi Strutturali filwaqt li l-15% jintefqu mill-fondi Nazzjonali li bihom ġiet installata sistema ta' pannelli fotovoltaici fl-Uffiċċini tal-Awtorità fil-Furjana.*



# 7. L-Att Dwar il-Libertà tal-Informazzjoni

L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jagħti l-opportunità lill-pubbliku ġenerali aċċess għall-informazzjoni miżmuma minn entitajiet pubbliċi, ministeri u dipartimenti. B'hekk tiżdied it-trasparenza u l-kontabilità.

L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni ġie fis-seħħ nhar l-1 ta' Settembru 2012. Il-pubbliku issa jista` jissottometti talbiet għad-dokument fi ħdan entitajiet pubbliċi, ministeri u dipartimenti. L-operaturi tal-Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni fi ħdan L-Awtorità tad-Djar ħadmu sabiex l-Awtorità tkun tista' taqdi d-dmirijiet tagħha lejn il-pubbliku bl-aħjar mod sodisfaċenti.

L-ewwel talbiet li rċeviet l-Awtorità tad-Djar kienu lejn l-aħħar tas-sena 2012.



*L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jagħti l-opportunità lill-pubbliku ġenerali aċċess għall-informazzjoni miżmuma minn entitajiet pubbliċi, ministeri u dipartimenti. B'hekk tiżdied it-trasparenza u l-kontabilità. L-ewwel talbiet li rċeviet l-Awtorità tad-Djar kienu lejn l-aħħar tas-sena 2012.*

# 8. Uffiċċju f'Għawdex



| Skema | Dettalji | Applikazzjonijiet Ġodda | Ammont li ġie mħallas |
|---|---|---|---|
| - | Akkomodazzjoni Alternattiva | 37 | € 0 |
| 7/DIS | Xogħlijiet ta' rranġar okkupati minn persuni b'diżabilta' | 2 | € 5369 |
| R/RSS | Skema tas-Sussidju fuq il-Kera | 23 | € 28,984 |
| IMP/ADP | Xogħlijiet ta' rranġar – Postijiet tal-Gvern/ Privati okkupati mill-inkwilini | 10 | € 8,286 |
| GFR | Għotja biex tgħin lis-sidien fil-bini, irranġar u/jew tkomplija tal-ewwel residenza (sussidju tal-V.A.T.)* | 28 | € 203,531 |
| GALR | Għotja fuq il-pagamenti tas-self mill-Bank | 0 | € 873 |
| ISS | Sussidju fuq imgħax fuq self għax-xiri tal-ewwel residenza | 17 | € 0 |
| SD | Xiri ta' proprjeta tal-Gvern mill-inkwilini | 10 | € 0 |
| Skema KIRI | Kera mill-Awtorità tad-Djar mill-proprjetà tas-settur privat | 51 | € 0 |
| - | Xogħlijiet ta' rranġar fuq allokazzjonijiet ta' postijiet tal-Gvern | 8 | € 31,953 |
| | **Total** | **186** | **€ 278,996** |

# 9. Relazzjonijiet Pubbliċi



## 9.1 Lista ta' inizjattivi għas-sena 2012

- 22 ta' Jannar: Implimentazzjoni tal-proġett Skema Kiri.
- 2 ta' Frar: Tnedija tal-iskema *'Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi'* Skema 1

Konferenza stampa għall-kampanja *'Il-Binja Tiegħi, id-Dar tiegħi'* – skema ta' riġenerazzjoni fl-oqsma tal-madwar tal-binjiet tal-Gvern fejn il-Kunsilli Lokali ffirmaw il-kuntratt tagħhom; tħabbru wkoll il-kunsilli l-ġodda li se jissieħbu f'din il-kampanja; u se tniehed il-fuljett edukattiv dwar din il-kampanja li wara ntbagħat f'kull *housing estate* f'Malta.

- 1 ta' Marzu: Laqgħa mal-kapijiet tal-iskejjel tal-Kulleġġ Santa Margerita – proġett pilota

Saret laqgħa mal-kapijiet tal-iskola tal-Kulleġġ Santa Margerita biex uffiċjal mill-Awtorità tad-Djar tmur fl-iskejjel u toħloq diskussjoni mal-istudenti bħala lezzjoni tas-Istudji Soċjali dwar ir-rispett u r-responsabbiltà li kulħadd għandu jkollu meta jgħix fil-postijiet tal-Gvern, speċjalment fil-komun. Din l-inizjattiva tagħmel parti mill-kampanja *'Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi'* fejn qed jiġu indirizzati t-tfal. Din l-inizjattiva ser tibda bħala proġett pilota mal-istudenti tal-primarja fl-inħawi tal-Cottonera.

- 13 ta' Marzu: Tnedija tal-ktejjeb: *Aktar minn saqaf fuq rasek*

Tnedija tal-iskemi li ġew aġġornati. Dawn jaqaw taħt il-kampanja bl-isem *'Aktar minn saqaf fuq rasek'*.

- 11 ta' April: *Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi* Skema 2

Konferenza stampa għall-kampanja *'Il-Binja Tiegħi, id-Dar tiegħi'* – skema ta' manutenzjoni fil-partijiet komuni tal-binjiet tal-Gvern fejn l-amministraturi ffirmaw il-kuntratt tagħhom għas-sentejn li jmiss.

- 2 ta' Mejju: *Semi-Independent Living*

Konferenza stampa fejn ingħataw għotjiet lil għaqdiet volontarji biex ikomplu jagħmlu l-ġid fil-ħidma tagħhom.

- 7 ta' Mejju: Tnedija ta' *"Advert '76"*

Konferenza stampa fejn tħabbar li hemm proprjetajiet li bniet l-Awtorità tad-Djar għall-bejgħ bi prezz issussidjat.

- 28 ta' Mejju: *Nirranġa d-Dar Tiegħi*

Tnedija ta' aġġornament ta' skema li kien jisimha *'care and repair'*. Din l-iskema hija mmirata għan-nies li għandhom 'il fuq minn 60 sena.

- 27 ta' Mejju: Appartamenti f'Mattia Preti

Konferenza stampa fejn ġie mniedi kunċett ġdid ta' *cultural mix*, fil-Belt Valletta fl-appartamenti ta' Mattia Preti. Dawn l-appartamenti ġew restawrati u ngħataw lill-applikanti tas-*Social Housing*.

- Appartamenti fil-Furjana

Saru allokazzjonijiet fil-blokok B u Ċ fil-Furjana.

- 11 ta' Lulju: Skema għall-persuni b'diżabilita'

Konferenza stampa f'residenza fil-Mellieħa fejn l-Awtorità installat *lift* għal tfajla biex tkun tista' tidħol fil-kmamar fid-dar fejn tgħix.

- 25 ta' Lulju: *Sir Sid ta' Darek*

Tnediet l-iskema li tati l-opportunità lil min jgħix f'post tal-Gvern bil-kiri biex ikun jista' jixtri l-proprjetà tiegħu.

- 14/15/16 ta' Diċembru: *Christmas Village* fiċ-Ċentru AĊĊESS tal-Qawra

L-Awtortità tad-Djar ħadet sehem billi ttellgħet

*stand* li fiha saru diskussjonijiet dwar l-aspett edukattiv tal-Awtorità speċjalment fiż-żamma tal-komun; kif ukoll xi logħob interattiv fejn il-pubbliku ġie mistieden jibni d-dar ideali tiegħu/tagħha.

## 9.2 Promozzjoni tax-Xogħol tal-Awtorità tad-Djar

**Radju:**

- Radju Malta - Familja Waħda, tippreżenta Ms. Lilian Maistre

L-Awtorità tad-Djar kienet preżenti it-Tnejn, kull 4 ġimgħat bejn 9.45am u 10.30am.

- RTK – Darek, Flusek u Negozju, jippreżenta Mr. Walter Sultana

L-Awtorità tad-Djar kienet preżenti il-Ġimgħa, kull ħmistax bejn 5.15pm u 6.00pm.

- Radju Marija – Aktar Minn Saqaf fuq Rasek, tippreżenta Ms. Joan Sammut

L-Awtorità tad-Djar kienet preżenti il-Ħamis, kull ġimgħa bejn il-11.00am u 12.00pm; b'repetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-7.30pm. l-Awtorità ħadet sehem fl-iskeda ta' bejn Ottubru u Diċembru.

## 10.1 Ċentru ġdid tat-Taħriġ

Fl-aħħar tas-sena 2011, kienet ittieħdet id-deċiżjoni sabiex jinfetaħ Centru tat-Taħriġ biex b'hekk jindirizza l-bżonn tal-Awtorità tad-Djar rigward taħriġ u seminars. Għalhekk matul is-sena 2012, l-Awtorità wettqet xogħlijiet ġewwa post fil-Furjana sabiex jintuża għal dan il-għan. Dan il-post tlesta fl-aħħar ta' din is-sena biex b'hekk is-sena d-dieħla jkun jista` jibda jintuża.

## 10.2 Ftehim Kollettiv

Matul is-sena 2012, il-*management* tal-Awtorità tad-Djar flimkien mal-*Union* rikonoxxuta u rappreżentanti mill-Ministeru tal-Finanzi komplew jinnegozjaw Ftehim Kollettiv ġdid.

Bħas-sena ta' qabel, l-Awtorità kompliet tniedi *policies* ġodda fuq diversi suġġetti sabiex dawn ikunu linji gwida kif ukoll ta' għajnuna għall-ħaddiema tal-istess Awtorità.

*Parti mill-ħidma tal-Awtorità hija li toffri mhux biss social housing imma anke affordable housing, jiġifieri li bi ftit għajnuna, l-Awtorità tgħin lill-applikanti jsiru sidien tad-dar tagħhom. L-Awtorità tad-Djar allokat 123 post li ħareġ għall-bejgħ taħt Avviż Numru 76. L-isem ta' din l-iskema tal-bejgħ kien 'Darek Faċli'. Din l-iskema għandha din it-tema għaliex, biex l-Awtorità tkompli tgħin lil dawk il-first time buyers li għandhom problema li jisselfu mil-Banek, l-Awtorità għamlet kundizzjonijiet ta' pagamenti b'mod aktar faċli.*



# 10. Riżorsi Umani

## 10.3 Rekrutaġġ

Matul is-sena 2012, l-Awtorità impjegat żewġ ħaddiema ġodda, ħamsa li kienu b'kuntratt definit li ġew fuq kutratt indefinit u sitta sostituzzjonijiet f'oqsma u dipartimenti differenti. Filwaqt li qed tkompli toffri s-servizzi ta' psikologa u *social worker* sabiex dawn jgħinu u jassistu lil ħaddiema tal-Awtorità f'mumenti diffiċli fil-ħajja tagħhom. Dan ukoll jgħin sabiex il-ħaddiema xorta waħda jibqgħu jagħtu s-servizz professjonali tagħhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

## 10.4 Taħriġ

Matul is-sena 2012, l-Awtorità tad-Djar iffinanzjat 102 korsijiet u konferenzi kif ukoll offriet 10 boroż ta' studji lil diversi ħaddiema li wrew ix-xewqa li javvanzaw fl-istudji tagħhom. F'din is-sena l-Awtorità ikkonċentrat iktar fuq suġġetti speċifiċi bħal *Procurement*, Enerġija u żvilupp Sostenibbli u suġġetti relatati mal-Finanzi.

## 10.5 Taħriġ Lokali

Fost il-102 kors offrut, 20 ħaddiem attendew għal 29 kors li ġew organizzati miċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ magħruf iktar bħala CDRT, fuq suġġetti varji fosthom *Public Procurement* u *Data Protection*. Huwa ppjanat li għas-sena d-dieħla l-ħaddiema tal-Awtorità ser jiġu offruti taħriġ fuq ECDL u fuq l-ortografija tal-Malti sabiex b'hekk il-ħaddiema jkunu dejjem aġġornati fil-bidla tal-lingwa u tat-teknologija li qed isseħħ minn żmien għal żmien.

## 10.6 Konferenzi barra minn Malta

Diversi ħaddiema kellhom l-opportunità sabiex jattendu għal konferenzi barra minn Malta dwar diversi suġġetti f'pajjiżi differenti, sabiex b'hekk jesponu ruħhom għal iktar ideat u jinfetħu għal iktar tagħlim kif ukoll jagħmlu kuntatti ġodda fil-qasam tagħhom fejn jikkonċerna l-*housing*.

## 10.7 Attivitajiet

L-attivitajiet matul is-sena 2012 ma naqsux, u l-Awtorità temmen li dawn huma importanti għal diversi raġunijiet. Waħda minnhom hija li permezz tagħhom tkompli tibni s-sens komunitarju għaliex dawn iservu ta' opportunità biex wieħed jinvolvi ruħu.

## 10.8 Inizjattivi

Minbarra dak li normalment wieħed jistenna mill-Awtorità tad-Djar, jiġifieri li toffri servizzi u sussidji u għajnuna finanzjarja lil dawk iktar vulnerabbli fis-soċjetà, l-Awtorità ħadet ħsieb li tieħu inizjattivi li minnhom tibbenefika l-komunità.

- Minn żmien għal żmien, l-Awtorità torganizza attivita' sabiex l-ħaddiema tagħha jagħtu d-demm.
- Bħas-snin ta' qabel, grupp ta' ħaddiema ħadu l-inizjattiva sabiex jgħinu u jieħdu sehem f'maratona b'risq Puttinu Cares. Uħud mill-impjegati ħadu sehem fil-Maratona tal-Futbol bil-għan li jinġabru l-flus għal din il-fondazzjoni. Is-somma totali li ġiet miġbura mill-impjegati kollha tal-Awtorità tad-Djar ammontat għal €448.16, filwaqt li l-Awtorità iffinanzjat parti oħra sabiex it-total tas-somma miġbura laħaq €500.
- Fl-aħħar tas-sena l-ħaddiema tal-Awtorità ġabru €260 għall-Istrina 2012, filwaqt li l-Awtorità iffinanzjat parti oħra sabiex b'hekk ingħatat is-somma totali ta' €300.



*Uħud mill-impjegati ħadu sehem fil-Maratona tal-Futbol b'risq Puttinu Cares. Is-somma miġbura mill-impjegati kollha tal-Awtorità tad-Djar ammontat għal €448.16, filwaqt li l-Awtorità iffinanzjat parti oħra sabiex it-total tas-somma miġbura laħaq €500.*



Awtorita' Tad-Djar ◆ Housing Authority


**Awtorità tad-Djar**

Malta
22 Triq Pietro Floriani
Il-Furjana FRN 1060
Tel: 2299 1000 | Fax: 2124 3284
Email: customer.care@ha.gov.mt

Għawdex:
25 Triq Enriku Mizzi,
Ir-Rabat VCT 2043
Tel: 2215 6800 | Fax: 2215 6800

Free phone: 8007 2232
Web: www.housingauthority.com.mt